MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 997/2009

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Nokia Corporation.**

**vs.**

**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal- 15 ta' Jannar 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici HAPPY INT'L (IMP AND EXP) CO. LTD u lill-kunsinjatarju M.B.M.T. NOUR LINE ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bil-karta tal-identita' numru 67468M bhala mandatarju specjali tas-

socjeta` estera Nokia Corporation datat 19 ta' Ottubru 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Nokia Corporation ta' Keilalahdentie 4, 02150 Espoo, Finland, sabiex jirrapprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

Illi s-socjeta` rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati l-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta msejha 'NOKIA', liema dritt gie registrat f'Malta fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok "NC 1" u "NC 2").

Illi fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CMAU 5542550 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur 'CMA CGM STRAUSS liema vapur kien gej minn HUANGPU, Cina fi triqtu lejn TUNIS, Tunisia u l-*container* kien fih total ta' mija u disgha u erbghin elf u mitejn u hamsin (149,250) accessorji tal-*mobile phones* (Dok "NC 3") li jinkludu batteriji, *covers* u *chargers* kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta' Nokia Corporation gewwa Spanja, fejn gie determinat li minn dawn il-mija u disgha u erbghin elf u mitejn u hamsin (149,250) accessorji tal-*mobiles phones* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana biss mija u disgha u erbghin elf (149,000) *covers* u batteriji gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, *stante* li l-mitejn u hamsin *chargers* maqbuda nstabu li kienu originali u li ghalhekk l-imsemmija *trademarks* ta' Nokia Corporation riprodotti fuq il-mija u disgha u erbghin elf (149,000) *covers* u batteriji biss kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta'

Nokia Corporation u r-rapport tal-istess qed jigi anness u mmarkat bhala Dok “NC 4”.

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa’ din it-talba li jinzammu dawn l-accessorji tal-*mobile phones*.

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa NOUR LINE P/C M.B.M.T u dan skont dak citat fil-polza ta’ taghbija numru ZSN0118988 (Dok “NC 5”).

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**, kif ukoll tal-**artikolu 10 (2) (b) tal-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416)** u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap. 416** u l-**artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap. 414**.

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjetajiet/entitajiet intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’mija u disgha u erbghin elf (149,000) *covers* u batteriji tal-*mobile phones* imsemmija li fuqhom hemm l-marka ‘NOKIA’, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CMAU 5542550 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile phones*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward

tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok "NC 1" u "NC 2").

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-*mobile phones* 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile phones*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessorji tal-*mobile phones* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-*mobile phones*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3) u d-dokument esebiti kif jidhru a fol. 5 sa fol. 10 tal-process.

Rat id-digriet datat 14 ta' Jannar 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati hermm indikati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati.

Rat li l-kawza gieta appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-23 ta' Marzu 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 26 ta' Frar 2010 (fol. 30) fejn eccepew:-

(1) Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexilhom jikkomunikaw mas-socjetajiet minnhom rapprezentanti u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mas-socjeta` intimati.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi deputati a fol. 30 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-25 ta' Marzu 2010 fejn meta ssejhet il-kawza heher Dr. Peter Fenech ghas-socjeta` rikorrenti, u Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur li ipprezenta nota. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti tal-kawza, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CMAU 5542550 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur 'CMA CGM STRAUSS liema vapur kien gej minn HUANGPU, Cina fi triqtu lejn TUNIS, Tunisia u l-*container* kien fih total ta' mija u disgha u erbghin elf u mitejn u hamsin (149,250) accessorji tal-*mobile phones* (Dok "NC 3") li jinkludu batteriji, *covers* u *chargers* kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali, u dan ghaliex is-socjeta' attrici hija detentrici tal-markju "NOKIA" debitament registrati Malta bin-numri 33323 u 33324 (Dok. "NC1" u "NC2").

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mis-socjeta' rikorrenti li gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta' Nokia Corporation gewwa Spanja, gie determinat li minn dawn l-

ammont 149,000 *covers* u batteriji kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' Nokia Corporation u dan kif jirrzulta mir-rapport datat 15 ta' Ottubru 2009 (Dok "NC 4" – fol. 9). Dawn l-istess oggetti kienu esportati mis-socjeta' esportatrici HAPPY INT"L (IMP AND EXP) CO. LTD lill konsenatarju M.B.M.T u NOUR LINE kif jirrizulta mill-polza ta' karigu relattiva (Dok. "NC5").

Illi jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew lkoll ppruvati, lanqas huma biss kontestati, u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss inkwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f' mija u disgha u erbghin elf (149,000) *covers* u batteriji tal-*mobile phones* imsemmija li fuqhom hemm il-marka 'NOKIA', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CMAU 5542550 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile phones*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok "NC 1" u "NC 2").

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile phones* fuq indikati li huma kontrafatti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessorji tal-*mobile phones* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-

*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-*mobile phones*.

Bl-ispejjez kontra l-entitajiet intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------